MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2010

Numru. 609/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Edmond Cuschieri**

**vs**

**Carmel Raymond Micallef**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Carmel Raymond Micallef ta’ 43 sena, bin Anthony u Frances nee’ Galea, imwieled nhar id-19 ta’ Ottubru 1965 gewwa l-Pieta’ u residenti ‘Avonlea’, Triq il-Hbit bl-Ajru, Mosta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 505465(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar l-1 ta’ Mejju 2009 u fil-granet, xhur u snin ta’ qabel, f’ dawn il-gzejjer, b’ diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk

fi zminijiet differenti, izda li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda huwa ikkommetta serq ta’ 9 barriers, liema serq huwa aggravat, bil-valur ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta.

Fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, xjentament laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudha b’ qerq, jew akkwistati b’ reat.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xtara, jew b’ xi mod iehor ircieva minghand persuna ohra jew instab li ghandu fil-pussess tieghu xi oggetti li ghandhom xi marka jew sinjal li juri li dawk l-oggetti huma propjeta’ tar-Repubblika ta’ Malta, jew oggetti illi huwa kien jaf li huma propjeta’ tar-Repubblika ta’ Malta, u li l-awtoritajiet kompetenti ma kienu tawh l-ebda permess bil-miktub sabiex ikun jista’ jiddisponi minn dawn l-oggetti u naqas li jaghti kont sodisfacenti ta’ kif dawn l-oggetti kienu spiccaw ghandu.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta’ Gunju 2009 (esebit a fol. 3 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-10 ta’ Dicembru 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-2 ta’ Dicembru 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk jrid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li r-res furtiva giet ritornata lil Pulizija.

Stante li t-tieni(2) akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 261, 267, 334 u 290 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel(1) u t-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------